**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 17/2022 AGV:**

**FMB**

Vs

**JPB**

Il-Qorti ;

Rat ir-rikors ta' **FM Z datat 12 ta' Jannar 2022.**

Illi il-partijiet izzewwgu fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) gewwa il-Mellieha u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 1355/2019 hawn anness u mmarkat bhala **Dok. FZ1**;

Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) hawn anness u mmarkat bhala **Dok. FZ2**;

Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn sena u nofs;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Għaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta’ JP B  datat 11 ta’ Frar 2022 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-esponenti qed jaqbel mal-premessi esponenti mir-rikorrenti;
2. Illi l-esponenti jaqbel mat-talbiet attrici;
3. Illi fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, l-esponenti  ma ghandux ibati l-ispejjez tal-procedura, stante li hu qed jaqbel mat-talba, u kieku hija infurmatu li  kien behesiebu jmexxi  b’ dal-proceduri, seta’ jsir rikors kongntn , b’ anqas spejjez u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu allokati lilha ;
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi in sostenn, ta’ dan. l-esponenti qed kontestwalment jipprezenta l-affidavit tieghu, mmarkat u anness hawnhekk, bhala Dok. X.

**Bl-ispejjez.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**